# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 44

Data tal-laqgħa: 3 ta' Diċembru, 2021

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Diċembru 2021 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-5.40p.m. billi ntqalet it-talba.

**44/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**44/01/01** Ma kienx hemm.

**44/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 43**

**44/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**44/02/02** **Para 43/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet *works order* għal camera, power supply u 4 channel DVR għal Ġnien ta' Żagħruna.

**44/02/03** **Para 43/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lill-kuntrattur fit-tabelli għal mal-*bollards.*

**44/02/04** **Para 43/02/04:** Is- Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-ground ta' Xwieki suppost dalwaqt jiġi rrinovat.

**44/02/05** **Para 43/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt ma' Sa. Catherine Fenech mill-Lands Authority biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**44/02/06** **Para 43/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-għelieqi abbandunati u li jistgħu jintużaw għall-parkeġġ, il-Lands Authority talbet għal pjanti mingħand il-Perit.

**44/02/07** **Para 43/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li suppost l-Inġinier bagħat id-dokumenti fuq il-fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**44/02/08** **Para 43/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl, il-Planning Authority iridu clearance mill-Lands Authority.

**44/02/09** **Para 43/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**44/02/10** **Para 43/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet żewġ stima sabiex il-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero tittranġa. L-irħas offerta kienet tal-JL Brothers. Il-Kunsill qabel unanimament.

**44/02/11** **Para 43/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti ta' Triq il-Mitħna għadhom ma ffirmawx karta li qed jaqblu biex issir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna.

**44/02/12** **Para 43/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**44/02/13** **Para 43/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-Perit għax skont il-Planning Authority Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* ma tistax tiġi bl-*imprint concrete*.

**44/02/14** **Para 43/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *bollard* tal-ħadid għal sqaq fi Sqaq Charlotte wasal illum.

**44/02/15** **Para 43/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-Cleansing and Maintenance Division għadhom ma għaddewniex l-4 bankijiet.

**44/02/16** **Para 43/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq it-talba għal *motor cycle bay* fi Triq San Ġwann quddiem Horizon Court reġgħet kelmet lil Transport Malta.

**44/02/17** **Para 43/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Sur Mark Azzopardi se jipprovdi l-informazzjoni għal *information panel* dwar is-Superjur Guido Tanti.

**44/02/18** **Para 43/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella sabiex jipparkjaw l-exhaust pipe 'il barra ħdejn il-Każin tal-PN fi Triq il-Wiesgħa għadha ma saritx.

**44/02/19** **Para 43/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-Reġjun Tramuntana dalwaqt se jagħtina Automatic External Defibrillator (AED).

**44/02/20** **Para 43/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta ma laqatx it-talba biex tkun tista' ssir bollard fid-daħla fejn sar passaġġ bil-*yellow lines* fi Sqaq nru 2 Triq Mons Luigi Catania .

**44/02/21** **Para 43/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont uffiċjal minn Transport Malta il-ġimgħa d-dieħla ser jagħmlu *Communal Reserved Parking Bay* kif ukoll tabella.

**44/02/22** **Para 43/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella għal kull entratura li fiha tiġbor il-ħafna tabelli li hemm fi Ġnien il-Paċi

**44/02/23** **Para 43/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont l-Inġinier ta' Galea Curmi l-bozza mal-ħajt fi Sqaq tal-Ferħa tista' ssir imma l-ewwel irridu nistennew l-approvazzjoni tal-Enemalta.

**44/02/24** **Para 43/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex issir *sleeping police* fi Triq Santa Katerina.

**44/02/25** **Para 43/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex jitpoġġew żewġ *bollards* quddiem il-bieb ta' residenza fi Triq Fidiel Zarb.

**44/02/26** **Para 43/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-fuljett ser jitqassam dan ix-xahar.

**44/02/27** **Para 43/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt toħroġ is-sejħa għal *Architectural lighting*.

**44/02/28** **Para 43/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaddiema tad-Dipt. tad-Distretti rranġaw il-ħitan tas-sejjieħ fi Sqaq Santa Marija taż-Żellieqa.

**44/02/29** **Para 43/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet kitbet lil Infrastructure Malta biex sqaq fit-Triq tal-Ferha jsir bil-konkos u li huma talbuna *site plan*.

**44/02/30** **Para 43/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet *works order* biex tinbidel il-blata ta' Torri tas-Semaforu.

**44/02/31** **Para 43/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet *works order* għal injam ġdid biex ngħattu x-xelter u għal unit fir-reception.

**44/02/32** **Para 43/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-GreenPak ma aċċettawx li r-Recycling Points jitpoġġew fi Triq Għaxqet l-Għajn direzzjoni lejn Birguma.

**44/02/33** **Para 43/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet *works order* lil B Grima & Sons għal parking bays f'parti minn Triq Fra D. Mifsud.

**44/02/34** **Para 43/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont l-Inġinier ta' Galea Curmi tista' ssir bozza ġdida fi Triq Santa Katerina imma l-ewwel irridu nistennew l-approvazzjoni tal-Enemalta.

**44/02/35** **Para 43/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 'Mixja sal-Għar' ma tistax issir peress li l-għar huwa perikoluż. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li ssir mixja mill-Ġnien ta' Żagħruna sa Ġnien il-Paċi, imbagħad fi Ġnien il-Paċi jkun hemm attivita' żgħira tal-Milied. Din il-'Mixja tal-Milied' ħa ssir nhar l-Erbgħa, 22 ta' Diċembru 2021. Barra minn hekk, is-Sindku resqet li nhar it-Tlieta, 14 ta' Diċembru 2021 il-*Christmas Train* iddur mar-raħal u tfal mill-XL Band idoqqu u jkantaw. Il-Ħadd, 14 ta' Diċembru 2021 mill-11:00am jibda 'Tqassim ta' Rigali għat-Tfal minn Father Christmas' f'Misraħ il-Knisja. Il-Kunsill qabel unanimament.

**44/02/36** **Para 43/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt ser tirċievi s-*Service Agreement* mingħand The Notebook Centre.

**44/02/37** **Para 43/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow line* quddiem xatba fi Triq Fidiel Zarb sar.

**44/02/38** **Para 43/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet *works order* għal servizz ġenerali u sostituzzjoni tal-batteriji kollha tal-wheelchair lifter.

**44/02/39** **Para 43/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikajna għar-Reġjun Tramuntana New Year's Eve Scheme.

**44/02/40** **Para 43/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikajna għar-Reġjun Tramuntana Christmas Decorations Support Scheme.

**44/02/41** **Para 43/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq it-talba għal *culvert* fi Sqaq Warda għax qed iżomm l-ilma kitbet lid-Dipartiment tad-Distretti.

**44/02/42** **Para 43/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikat ma' Transport Malta għal *sleeping police* fi Triq in-Naxxar.

**44/02/43** **Para 43/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella tal-qtates għal Triq l-Isqof Gargallo.

**44/02/44** **Para 43/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow line* fi Triq Fidiel Zarb sar.

**44/02/45** **Para 43/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikat ma' Transport Malta għal *Keep Clear* quddiem rampa fi Vjal ir-Repubblika.

**44/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**44/03/01** Is-Sindku qalet li llum ħareġ il-permess mill-Malta Tourism Authority biex isir il-'Christmas Concert' nhar is-Sibt, 11 ta' Diċembru 2021. Fi 7:30pm tinxtegħel il-faċċata tal-każin tal-banda mis-Soċjeta' Filarmonika San Bartilmew, fit-8:00pm kunċert mis-Soċjeta' Filarmonika San Bartilmew u mid-9:00pm sal-11:00pm kunċert minn Spiteri Lucas Entertainment.

**44/03/02** Is-Sindku qalet li llum il-Kunsill iltaqa' mal-Bulletproof Community fejn wieħed mill-membri spjega li huma jfittxu *open spaces* u jibdluhom f'*open air gyms state of the art* bl-aħħar faċilitajiet. Huma diġà identifikaw ġnien fi Triq Għaxqet l-Għajn. Il-Kunsill lest li jaħdem id f'id mal-Bulletproof meta toħroġ l-iskema għal proġetti tal-*Open Spaces* sabiex napplikaw għall-fondi.

**44/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**44/04/01** Ma kienx hemm.

**44/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**44/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 3 ta' Novembru 2021).

**44/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-GreenPak – B'referenza għall-Espressjoni ta' Interess mitluba mill-Kunsill Lokali tal-Għargħur. GreenPak testendi l-kuntratt eżistenti mal-Kunsill Lokali Għargħur għall-ġbir ta' skart riċiklabbli, sad-data meta jidħlu fis-seħħ ir-regolamenti l-ġodda, hekk kif ġie rakkomandat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**44/05/03** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta rigward il-lights ta' Triq il-Ġnien. Min-naħa tagħhom ma hemmx oġġezzjoni biex jiżdied light oħra fit-triq sekondarja imma jrid jieħu ħsiebha l-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li l-ewwel issir *site visit* mal-Firetech u jekk tista' ssir nitolbu kwotazzjoni. Min talab li jiżdied light oħra fit-triq sekondarja irid jagħmel tajjeb għall-ispejjez u aħna nieħdu ħsieb ninfurmaw lir-residenti l-oħra biex naraw jekk isibux xi oġġezzjoni.

**44/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 10 ta' Novembru 2021).

**44/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 17 ta' Novembru 2021).

**44/05/06** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – L-applikant applika għal 1.5m Keep Clear Bay/Reserved Parking Bay ħdejn 57, Triq Mons Luigi Catania (Ref:8850).

**44/05/07** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta fejn it-Taqsima għall-Immmaniġġjar tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta approvat Parkeġġ Riservat fi Triq Vendome (Ref:8766).

**44/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-Għassa tan-Naxxar fejn il-Pulizija irċeviet ilment illi l-għerien li jinsabu fi Triq l-Għaxqet l-Għajn huma fi stat perikoluż. Ġie mqabbad il-perit tal-Gvern A&CE Robert Fenech sabiex jiċċertifika l-istat li jinsabu fihom dawn l-għerien. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-rapport. Is-Sur Carl Grech qal li ma jaqbilx li nagħlqu l-Għar. Is-Sur Christopher Fenech qal li l-Għar huwa xi ħaġa naturali u l-ebda Perit ma hu ħa jagħtik garanzija, għaldaqstant, saħaq li ma

jinħarġux aktar permessi biex isiru attivitajiet f'Għar San Brinkat. Il-Kunsill qabel unanimament u s-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tordna tabelli biex javżaw li jista' jkun hemm *falling rocks*.

**44/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 24 ta' Novembru 2021).

**44/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 1 ta' Diċembru 2021).

**44/05/11** Ġiet innutata korrispondenza minn residenta li qed titlob *No horn sign* fi Triq in-Naxxar. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**44/05/12** Ġiet innutata korrispondenza Ċir AKL 2021/130 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Sahha 2022. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw.

**44/05/13** Fuq it-talba biex isir restawr tal-gwarniċ tal-Għar San Brinkat. Il-Kunsill qabel unanimament li meta toħroġ l-iskema dwar restawr ta' postijiet/monumenti storiċi napplikaw.

**44/05/14** Fuq it-talba għal bozza fi Sqaq ta' Ċint il-Wiesgħa. Is-Sindku ltaqgħet mal-Ing. Mario Galea u ser jikteb lil Enemalta. Is-Sur Abraham Aquilina talba li niċċekkjaw mal-Ing. Galea jekk tistax issir bozza fi Sqaq il-Qiegħed. Il-Kunsill qabel unanimament.

**44/05/15** Fuq it-talba għal *communal parking bays* ħdejn iċ-ċimiterju u ħdejn l-oratorju. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax diġa' hawn nuqqas kbir ta' parkeġġ fil-Għargħur.

**44/05/16** Is-Sa. Marilena Hassan resqet li jeħel *cigarette bin* ħdejn Cent'Anni bar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**44/05/17** Is-Sindku qalet li *traffic lights* ta' Triq tal-Balal mhumiex qed jaħdmu. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lil Transport Malta.

**44/05/18** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jitneħħa r-*Reserved Parking Bay* ta' Triq Żagħruna. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tikteb lil Transport Malta.

**44/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**44/06/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**44/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**44/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Diċembru 2021 fl-4:30p.m.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**